



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 34/23

il-Lussemburgu, 16 ta' Frar 2023

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-216/21 | Asociația "Forumul Judecătorilor din România"

### **Avukat Ġenerali: N. Emiliou, proċedura għall-promozzjoni tal-membri tal-ġudikatura bbażata fuq evalwazzjoni tax-xogħol u tal-imġiba tagħhom minn kummissjoni magħmula mill-President u mill-membri tal-ġudikatura tal-qorti ta' grad superjuri inkwistjoni hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni**

*Madankollu, anki meta l-membri ta' dik il-kummissjoni jkunu huma stess indipendenti, jeħtieġ li l-kriterji applikati jkunu oġġettivi, rilevanti u verifikabbli biżżejjed u li l-korp ikun obligat jipprovdi motivazzjoni*

Fl-2019, is-Sezzjoni għall-Membri tal-Ġudikatura tal-Consiliul Superior al Magistraturii (il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, ir-Rumanija; iktar 'il quddiem il-"KSM") approva regolament nazzjonali li jirrifirma l-proċedura ta' promozzjoni applikabbli għall-membri tal-ġudikatura tal-qorti ta' grad inferjuri fir-Rumanija. L-Asociația "Forumul Judecătorilor din România" u YN talbu l-annullament parzjali ta' din id-deċiżjoni quddiem il-Curtea de Apel Ploiești (il-Qorti tal-Appell, Ploiești, ir-Rumanija).

Huma qed isostnu li l-proċedura ta' promozzjoni applikabbli għall-membri tal-ġudikatura tal-qorti nazzjonali inferjuri titmexxa mill-Presidenti u mill-membri tal-qorti tal-appell li fihom għandhom jimtlew il-pożizzjonijiet disponibbli u hija bbażata fuq kriterji suġġettivi u diskrezzjonali, iktar milli fuq evalwazzjoni oġġettiva tal-kandidati bbażata biss fuq il-prestazzjoni tagħhom f'eżami bil-miktub.

Il-Curtea de Apel Ploiești (il-Qorti tal-Appell, Ploiești) tistaqsi dwar il-kompatibbiltà ta' tali riforma mal-prinċipju ta' indipendenza tal-ġudikatura.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati llum, l-Avukat Ġenerali Emiliou jikkonkludi li **proċedura ta' promozzjoni tal-membri tal-ġudikatura ibbażata fuq evalwazzjoni tax-xogħol u tal-imġiba tagħhom minn kummissjoni komposta mill-President u mill-membri tal-ġudikatura tal-qorti ta' grad superjuri inkwistjoni li huma wkoll responsabbli għall-istħarriġ tas-sentenzi mogħtija minn dawn il-membri tal-ġudikatura fl-appell u għat-tweettq ta' evalwazzjonijiet perġodici tax-xogħol tagħhom hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni<sup>1</sup>. Madankollu, anki meta l-membri ta' dik il-kummissjoni jkunu indipendenti, jeħtieġ li l-kriterji applikati jkunu oġġettivi, rilevanti u verifikabbli biżżejjed u li l-korp ikun obligat jipprovdi motivazzjoni.**

L-Avukat Ġenerali jinnota li l-proċedura ta' promozzjoni għall-membri tal-ġudikatura li jservu fil-qorti ta' grad inferjuri fir-Rumanija hija strutturata f'żewġ stadji. L-ewwel stadju huwa bbażat fuq kompetizzjoni bil-miktub imfassla sabiex teżamina kemm l-għarfien teoretiku kif ukoll il-ħiliet prattiċi tal-kandidati. Il-kandidati magħżula mbagħad jiġu promossi għal grad professjonali oġġettiv, jibqgħu jikkupaw l-istess kariga. It-tieni stadju, imsejjaħ "promozzjoni effettiva", jippermetti li l-kandidati li diġà jkunu ġew promossi "fil-post" u li jkollhom il-grade

<sup>1</sup>Il-prinċipju ta' indipendenza tal-ġudikatura, li huwa stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2 TUE.

professionali meħtieġ effettivament jiġu assenjati f'qorti reġjonali jew qorti tal-appell.

L-Asociaċja "Forumul Judecătorilor din România" u YN qed ifittxu li jikkontestaw il-modalitajiet tat-tieni stadju ta' din il-proċedura, li matulha l-kummissjoni tal-għażla għandha tevalwa x-xogħol u l-imġiba tal-kandidati matul l-aħħar tliet snin qabel il-parteeipazzjoni tagħhom f'dan it-tieni stadju. Żewġ aspetti ta' dik il-proċedura jidhru li huma partikolarment problematiċi għalihom: kif jinħatra l-membri tal-kummissjoni tal-għażla li jipparteċipaw fil-proċedura ta' "promozzjoni effettiva" u l-kompożizzjoni ta' dik il-kummissjoni, u l-kriterji applikati mill-membri tal-kummissjoni tal-għażla sabiex jiddeċiedu liema kandidati ikollhom jiġu promossi.

Fir-rigward tal-ħatra tal-membri tal-kummissjoni tal-għażla u tal-kompożizzjoni tagħha, l-Avukat Ġenerali jqis li l-elementi mressqa fil-kawża prinċipali ma jistgħux, fihom infushom, jagħtu lok għal dubju raġonevoli f'moħħ l-individwi dwar l-impermeabbiltà tal-kandidati għall-proċedura ta' "promozzjoni effettiva" għal fatturi esterni.

Kwistjonijiet ta' indipendenza tal-ġudikatura ma humiex limitati għal sitwazzjonijiet li jimplikaw fergħat oħra ta' poter jew partijiet terzi, iżda jistgħu jirriżultaw fis-sistema ġudizzjarja nnifisha, kull fejn ikun hemm riskju li l-membri tal-ġudikatura jkunu jistgħu jiġu influwenzati b'mod mhux xieraq mill-kollegi tagħhom. Madankollu, għandu jkun hemm indikazzjoni li tali konċentrazzjoni ta' poter tista' fil-fatt tikkawża intervent jew pressjoni esterna li tista' tfixx il-ġudizzju indipendenti tal-membri tal-ġudikatura tal-qrati ta' grad inferjuri u tinfluwenza d-deċiżjonijiet tagħhom.

Peress li l-membri tal-qrati tal-appell tal-Istati Membri huma stess obbligati, skont id-dritt tal-Unjoni, josservaw il-prinċipju ta' indipendenza tal-ġudikatura u jkunu ħielsa minn influwenza jew pressjoni esterna, huma, bħala prinċipju, jinsabu f'pożizzjoni tajba sabiex jevalwaw ix-xogħol tal-kandidati u jiddeterminaw min minn fost dawn jistħoqqilhom promozzjoni. **Madankollu, dak li huwa deċiżiv mill-perspettiva tal-indipendenza tal-ġudikatura ma huwiex tant il-kwistjoni dwar min iwettaq proċedura ta' promozzjoni, iżda pjuttost jekk il-kriterji applikati mill-korp inkarigat bit-tweqqif ta' tali proċedura ikunux suffiċjentement ċari, oġġettivi u verifikabbli, u jekk dak il-korp ikunx obligat jipprovdi motivazzjoni.**

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-kriterji applikati jkunux jistgħu joħolqu dubju raġonevoli f'moħħ l-individwi fir-rigward tal-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura tal-qrati ta' grad inferjuri kkonċernati minn din il-proċedura. Dan iseħħ, b'mod partikolari, meta l-modalitajiet madwar proċedura partikolari jew il-kriterji applikati fit-tweqqif ta' dik il-proċedura ma jkunux stabbiliti bil-liġi (u, għalhekk, ma jkunux verifikabbli), ikunu vagi jew irrilevanti jew jippermettu spekulazzjoni dwar l-influwenza tal-forzi politiċi jew ta' natura oħra (pereżempju, meta l-kriterji applikati ma jkunux oġġettivi biżżejjed).

F'dan il-każ, jidher li l-kriterji għall-evalwazzjoni tax-xogħol tal-kandidati huma elenkati b'mod miftuħ u huma, għalhekk, verifikabbli. Barra minn hekk, dawn huma kollha rilevanti għall-finijiet ta' teħid ta' pożizzjoni dwar l-attività ġudizzjarja u l-mertu tal-kandidat.

L-Avukat Ġenerali jinnota wkoll li s-sorsi ta' informazzjoni u ta' prova li fuqhom il-membri tal-kummissjoni tal-għażla għandhom jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fir-rigward ta' kull kandidat huma pjuttost numerużi u differenti. Dan jikkontribwixxi sabiex il-proċedura globali ta' "promozzjoni effettiva" tidher li hija bbażata *a priori* fuq evalwazzjoni oġġettiva u mhux diskrezzjonali.

Dawn l-elementi, kif ukoll il-fatt li l-kummissjoni inkarigata mill-iżvolġiment tal-proċedura ta' promozzjoni għandha tabbozza rapport motivat li jindika l-marki mogħtija għall-kriterji applikati, kif ukoll il-marka globali miksuba mill-kandidat fi tmiem il-proċedura, li l-kandidat jista' jikkontesta, jikkonfermaw l-assenza ta' riskju reali ta' "diskrezzjoni indebita" li tagħti lok għal dubju raġonevoli fil-moħħ tal-individwi fir-rigward tal-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura kkonċernati.

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata

iktar 'il quddiem.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎(+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

